# IL-MUŻEW TAL-QDUMIJIET TA' MALTA

## *Inbeda fuq l-Għolja tal-Kortin il-Marsa*

*Kitba ta' - Joseph Galea*



Joe Galea

Il-MUŻEW hu l-mera tan-Nazzjon, kiteb xi ħadd, u tabilħaqq għax f'dak il-bini jżommu, jgħożżu, dawk l-oġġetti li jinstabu kull fejn jitħaffer f'dawn il-Gżejjer. Kull ma jinġabar mill-qdumijiet jixhed kemm il-għammara ta' Malta kienu għaqlin, u fejn kien iwassal moħħom u d-dehen tagħhom. F'dawk iż-żminijiet bikrija meta l-bniedem kien għadu ma ħolom qatt kif jagħmel biex jeqred belt jew razza sħiħa b'daqsxejn ta' bomba msejħa *atom bomb*!

Il-Mużew ta' Malta għalkemm ma kienx ta' kobor daqs dawk ta' artijiet oħra, b'dan kollu dak li kien fih, dawk l-affarijiet miġbura bil-paċenzja u ż-żmien, juru li aħna ma aħniex anqas minn ħaddieħor, u jixhdu wkoll li s-sejbiet li kellna kienu u għadhom l-għira ta' ħafna minn ħbiebna.

Ara kemm, li wieħed arkeologu Taljan il-professur L.M. Ugolini, tant kien għaraf l-importanza tal-qdumijiet ta' Malta li ġie hawn (mibgħut mill-Gvern) u dam jistudja dak il-ġebel, dak il-fuħħar, sakemm wasal f'tarf il-qabar ħesrem. Imbagħad mar Ruma u stampa biċċa mix-xogħol li kien ħejja. Il- ktieb tiegħu *Malta, Origine della Civilta Mediterranea*, (Roma, 1953), jiswa mitqlu deheb għat-tagħrif li fih dwar dawn il-Gżejjer. Dan l-awtur irid jgħid li Malta kienet il-bidu taċ-ċiviltà tal-Mediterran, u jorbot il-fehma tiegħu fuq li ra b'għajnejh u mess b'idejh kemm dam fostna.

L-ewwel ġabra li kien hawn Malta kienet il-kollezjoni tal-Kommendatur G.F. Abela,li l-lum bil-ħaqq kollu nsejħulu missier l-istorja ta' Malta. Dan kien viċi-kanċellier, u kien inkarigat mill-Gran Mastru sabiex jiġbor materjal biex igħaqqad storja ta' Malta: karti qodma ġebel, statwi, u bosta fdalijiet oħra. Minn dak li kien ġabar damm l-ewwel storja ta' Malta li qatt inkitbet bl-isem ta' Della Descrizione di Malta, stampata Malta fl-1647, u sal-lum dak il-ktieb għadu qiesu bir fejn kull kittieb modern jeħtieġlu imur jimla l-barmil għat-tagħrif tal-kitba tiegħu. Fis-sala tal-Biblijoteka hemm imdendel ir-ritratt tiegħu.

*Dan l-artiklu juri kif l-ewwel Mużew Nazzjonali kellu l-bidu tiegħu fuq il-Kortin tal-Marsa (illum Jesuits Hill) fejn illum hemm il-Power Station u kien deher fil-ġurnal 'Il-Berqa' nhar il-Ħamis 26 ta' Settembru, 1946. Din kienet is-sena meta jiena bdejt il-karriera ġurnalistika tiegħi mal-ġurnal 'Il-Berqa'.*

*L-awtur ta' dan l-artiklu huwa l-istoriku Joseph Galea, li kien membru ta' l-istaff tal-Biblijoteka ta' Malta mill-1960 sal-1972, fejn għamel ħafna xogħol ta' katalogar ta' dokumenti u manuskritti fil-Librerija Pubblika ta' Għawdex u fl-Arkivji tal-Kattidral. Huwa ġabar ukoll katalogi biblijografiċi dwar l-Assedju l-Kbir tal-1565 u dwar iż-żmien tal-Franċiżi f'Malta.*

*Wieħed ta' min jgħid li minn mindu nkiteb dan l-artiklu sal-lum sar ħafna xogħol fil-qasam taż-żamma u tal-preservazzjoni u kura ta' fdalijiet u dokumenti dwar l-istorja u l-pre-istorja ta' Malta.*

*- Anton Cassar*

*ikompli minn paġna 91*



Ġan Franġisk Abela

Dik il-ġabra li kien għamel ta' fdalijiet aktar tard poġġieha għall-wirja fil-Villa tiegħu l-Marsa fejn illum hemm dik id-dar fuq l-għolja ta' *Jesuits Hill* u kienet magħrufa kemm mill-barranin sew mill-Maltin bħala *Il Gabiñetto di San Giacomo.*

Ċertu vjaġġatur minn Copenhagen, Thomas Bartolin, li kien żar Malta fis-sena 1664, kiteb dwar dak li kien ra f'dik il-ġabra li kellu Abela.

X'kien isir minn dawk li kienu jsibu qabel ma Abela beda jgħaqqad u jiġbor dawk il-qdumijiet nafuh tajjeb. Mur ara kieku ma xterdux, kemm kien ikollna affarijiet biex inkunu nistgħu nerfgħu rasna aktar 'il fuq!

Nafu li fis-sena 1461 kien sar proċess quddiem il-Qorti, immexxi mill-kummissarju ta' Malta Nicolò Pina, dwar 'de inventione thesauri" - is-sejba tat-teżori. (ara d-dokument fil-Manuskritt 258, il-Biblijoteka, p.112).

Fil-Qorti l-qadima ta' l-Imdina hemm proċess li kien sar fis-sena 1562 kontra ċertu Ġanni Scarpa, li kien arġentier *incolpato et prosequto* jgħid id-dokument *comu comprau certa parti de la monita di S. Elena, olim inventa in quista insula,* jiġifieri li hu kien ħati u mressaq quddiem il-qorti għaliex kien xtara xi bċejjeċ tal-flus ta' Santa Liena, li kienu nstabu f'din il-gżira. (ara d-dokument fl-Arkivju tal-Kattidral, vol. XXVII, *Notiziario,* p.386).

## Tfittxija għal Teżori Antiki

Meta waslu l-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta fl-1530, waħda mill-ewwel petizjonijiet li tressqu għand il-Gran Mastru L'Isle Adam kienet talba ta' żewġ Maltin, Luqa D'Armenia u Toni Callus, biex jagħmlu xogħol ta' tfittxija għat-teżori antiki tad-deheb u fidda f'dawn il-Gżejjer. Il-Gran Mastru laqa' t-talba tagħhom u kien tahom il-permess bil-kondizzjoni li *tertia parte eorundem tantum integre nobis Religionique nostre servata* jiġifieri li kull ma jsibu jibqa' għalihom u jagħtu terz mill-oġġetti lill-Ordni. (ara d-dokument fl-Arkivju ta' l-Ordni, *Liber Bullarum,* vol. 414, p.285).

Biex nagħtu eżempju ieħor tat-tfittxijiet li kienu jsiru hawn f'dawn il-Gżejjer ma rridux ninsew insemmu dwar is-sejba tal-għoġol tad-deheb mastizz li kien sab Toni Pace, Għawdxi, fl-1729, ġewwa għar fl-inħawi tad-Dwejra, Għawdex. Dan jgħidu l-Kanonku Dun Franġisk Agius Sultana, magħruf de Soldanis, Għawdxi wkoll u li kien igħix f'dak iż-żmien. (ara l-manuskritt vol. 145, *Il Gozo antico-moderno, Sacro-profano,* parte 4, Para. 4 il-Biblijoteka).

Il-kittieb Abela qabel mewtu kien ħalla kollox lill-Patrijiet Ġeswiti, u għaldaqshekk dik il-kollezzjoni li semmejna kienu ġarrewha fid-dar tal- Balliju de Sousa, Għajn Dwieli. Iżda hawn billi din id-dar kienet ftit jew xejn nitfa bogħod mill-Belt, il-kollezzjoni tħalliet hemm magħhom, u kull meta xi ħadd kien imur jiftaħ ftit kien iġorr xi affarijiet miegħu għalih jew għall-ħbieb.

Xi oġġetti minn dawk kienu laħqu waslu u ntrefgħu fil-Palazz tal-Gran Mastru il-Belt. Nafu li l-Gran Mastru de Rohan, fost affarijiet oħra, kien bagħat wieħed

minn dawk iż-żewġ *cippi* (wegħdiet) li kienu nstabu Marsaxlokk, lir-Re Wiġi XVI ta' Franza, ftit snin qabel ma r-rivoluzzjoni tajritlu rasu fil-misraħ f'Pariġi. Dak ic-*Cippus* il-lum jinsab fil-Mużew tal-Louvre.

## Il-Qdumijiet Jittieħdu fil-Biblijoteka

Imbagħad meta nbniet il-Biblijoteka fl-1796, de Rohan ġiegħel li dawk il-fdalijiet li kienu nġabru jitqegħdu f'waħda mis-swali ta' hemm, msejħa *Il Gabinetto delle Antichita*. Dik il-kollezzjoni bdiet kuljum tikber aktar għax kull ma kien beda jinstab kienu jieħduh għand il-Biblijotekarju: b'riħet hekk kienet iżżewqet dik il-ġabra kollha.

Fi żmien il-Gvernatur Bouverie fl-1839 bdew inaddfu Ħaġar Qim, u sena wara dawk it-tempji ta' l-Imnajdra. Kull ma sabu poġġewh ukoll ma' dik il-kollezzjoni li semmejna. Dawn it-tfittxijiet kienu saru għax fl-1827 kienu naddfu l-imqades tal-Ġgantija, Għawdex, u d-dinja tal-għorrief kienet xegħelet bir-riżultat ta' l-iskavi li kienu saru hemm qalb dawk il-ġebel kbir ta' ħdejn ix-Xagħara.

Għal ħabta ta' April 1881 kien wasal *Despatch* minn Londra, mibgħut mis-Segretarju ta' l-Istat - Lord Kimberely - li kien jgħid kif Mr Gregory, membru tal-Parlament Ingliż, kien xandar tagħrif fejn wera li l-qdumijiet ta' Malta kienu traskurati. U l-*Colonial Office*, jgħid id-Despatch, kien imgħarraf sew dwar l-importanza tal-fdalijiet tal-Feniċi u tar-Rumani li kienu jinsabu fil- Gżejjer ta' Malta. Bosta kienu dawk l-għorrief Ewropej li kienu wettqu dik l-importanza. Għaldaqshekk A.A. Caruana, li kien Biblijotekarju dak iż-żmien, kien ħejja rapport u fl-aħħar ta' Awissu 1881 kien ressqu fuq il-mejda tas-Segretarju tal-Gvern Malti. Sena wara dak ir-rapport deher stampat bl-amar tal-Gvernatur bl-isem *Report on the Phoenician and Roman Antiquities* hu l-aqwa test miktub minn Malti.

Aktar tad bdew isiru tfittxijiet aktar bil-għaqal, u aktar xjentifiċi. Ma naqsu qatt kittieba sew Maltin kemm barrnin li kienu jagħmlu xi studju speċjali ta' xi oġġetti jew xi bini f'Malta u Għawdex, u kienu stampawhom kemm Malta u sew barra: fost il-barranin insemmu lil Grognet de Vasse, li kien bena l-Knisja tal-Mosta, u l-baruni de Stalt. Mill-Maltin il-kitba tagħhom dehret fl-*Arkivium Melitense* u f'rivisti Taljani u Ingliżi: il-Professur Napuljun Tagliaferro, l-Avukat Alb. V. Laferla, Monsinjur Alf. Mifsud, is-Sur Ġuże' Despott, u l-Professur Temi Żammit.

## Meta Sar l-Ewwel Mużew Nazzjonali

Fi żmien il-Gvernatur Lord Grenfell kienu ġew Malta id-Duka u d-Dukessa ta' York, u biex jagħmlu xi ħaġa f'ġieħhom kienu ġarrew dawk l-affarijiet li kien hemm il-Biblijoteka fil- Palazz Xagħra, biswit il-Knisja ta' San Ġwann, biex jagħmlu *exhibition*. Il-Gvernatur li kien kollezzjonist kbir kien bagħat għal wirja wkoll ġabra sabiħa ta' affarijiet li kien ġabar meta kien l-Eġittu. U tant kienet irnexxiet dik il-wirja li, l-awtoritajiet qatgħu li jħalluha għal dejjem. Jiġifieri fl-1901 twieled sew il-Mużew tagħna. Il-Professur Temi Zammit ġie nkarigat biex jieħu ħsieb dik il-ġabra u nhar l-24 ta' Mejju, jum l-*Empire Day*, 1905 ġie inawgurat il-Mużew mill-

ikompli minn paġna 93


Lieutenant Governor Merewether.

Allura l-arkeoloġija u l-istudju ta' ġrajjiet Malta bdew jieħdu xejra oħra. Iżda l-aqwa sejba li nistgħu ngħidu li kienet immexxija skond kif titlob ix-xjenza ta' l-arkeoloġija kienet dik ta' l-imqades ta' Ħal Tarxien ftit qabel il-gwerra l-oħra tal-1914. Kien naddafhom il-Prof. Temi Zammit u dak li sab midfun jew mirdum għal aktar minn tliet elef sena kixfu bl-aqwa sengħa u bl-akbar riżultati. Ir-rapport tiegħu kien stampat f'Oxford. Minn dak inhar 'l hawn id-dinja kollha tkellmet dwar dawk l-imqades li jinsabu fil-Gżejjer tagħna.

Ftit snin qabel kienu sabu l-hypogeum ta' Ħal Saflieni, mqades ta' żmien aktar bikri minn dawk ta' Ħaġar Qim jew band'oħra, u li aktarx hu wieħed mill-għeġubijiet tad-dinja. Ma hawnx bħalu f'imkejjen oħra fid-dinja. Kull ma sabu hemm isfel, tletin pied taħt l-art poġġewh f'waħda mis-swali tal-Mużew tal Belt ukoll.

## Ix-Xogħol Kbir li Għamel - Sir Temistocles Zammit

Il-Professur Sir Temistocles Zammit, l-arkeologu Malti u kittieb mgħallem, tgħidx kemm ħabrek u ftaqad qdumijiet biex għaqqad u ssokta żied dik il-ġabra li kellha tagħmel ġieh lill-isem Malta. Hu ntefa' b'ruħu u ġismu għall-arkeoloġija, kiteb ħemel ta' kotba dwar it-tfittxijiet li kien jagħmel u fl-aħħar irnexxielu li dik il-kollezzjoni tal-qdumijiet tinġarr f'palazz akbar u aqwa. Fis-sena 1925 il-Gvernatur Congreve - dak li midfun fl-inħawi ta' Filfla - fetaħ il-Mużew fil-bini tal-Berġa tal-Kavallieri Taljani fi triq Merkanti.

Kien jixraq tassew li dak il-bini jservi fi żmienna bħala Mużew: dik il-Berġa nbniet fl-1574 minn Ġlormu Cassar. It-trofej li hemm fuq il-bieb il-kbir kienu wħud mill-fdalijiet Rumani li kienu nstabu fit-tempju ta' Proserpina fuq l-għolja ta' l-Imtarfa.

Il-Mużew kien fih erba' taqsimiet: is-sezzjoni ta' l-arkejoloġija taħt it-treġija tal-Prof. Temi Zammit; it-taqsima ta' l-istroja naturali bil-kuratur Ġużè Despott; is-sezzjoni ta' l-arti mmexxija minn Ċensu Bonello; u t-taqsima tal-mineraloġija taħt il-ħarsien ta' Sir Lewis Mizzi.

Mal-Mużew tal-Belt jagħmlu wkoll dawk il-*branches* imxerrda ma' Malta u Għawdex kif iddur. Fost l-oħrajn hemm Ħal Saflieni, l-imqades ta' Ħall Tarxien, Għar Dalam, Ħaġar Qim, ir-Roman Villa tar-Rabat, il-Katakombi ta' San Pawl, ir-Rabat ukoll, u dak id-Dolmen fuq il-Wied tal-Mosta.

Temi Żammit kiteb gwida għal kull post li semmejna. Illum bl-amar ta' ma nafux min, dawk it-teżori, dik il-ġabra ta' qdumijiet Malta Maltija tpoġġiet fil-kaxxex, u reġgħu ndifnu taħt l-art fejn kienu damu min jaf kemm il-sena qabel inkixfu, biex dawk is-swali tal-Berġa Taljana qed iservu bħala Qorti.

B'riħet il-kariga li għandu llum l-aġent Direttur, il-Kavallier Annibale Scicluna isem il-qdumijiet ta' Malta għola aqwa minn dejjem: l-istudju u l-għajnuna li jagħti lil kittieba s-Sur Scicluna wasslu ismu u isem din il-Gżira tal-Kavallieri sa' fl-ibgħad irkejjen tad-dinja. Għaliex ma jerġax jinfetaħ il-Mużew, meta għandna nies bħal Scicluna?

**Nota:** *Dan l-artikolu nkiteb fl-1946, ftit wara li spiċċat il-gewrra. Il-bini tal-Qorti fi Triq ir-Repubblika kien iġarraf u l-Qorti kienet marret għal xi żmien fil-Berġa ta' l-Italja, fejn qabel kien hemm il-MUŻEW.*